**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Lulju, 2018**

**Talba Numru: 48/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 13**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre**

**Malta International Airport**

**Luqa LQA 4000**

**Vs**

**Charlene Gatt (254785M)**

**Sunnyvale Flat 2,**

**Triq ic-Cern,**

**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba u l-affidavit ta' Dr Jeremy Debono prezentati kontestwalment mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuta s-somma ta' tlett elef seba' mija u disghin ewro u disgha u

erbghin centezmu (€3,790.49c) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular bil-kont numru 1.11009151 fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u l-affidavit kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, il-konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta attrici a fol 3.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef seba' mija u disghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€3,790.49c) bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 924/17 a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**